13.14

1/1.

P. PAWL TABONE o.f.m.

# Tifkira ta' l-Assedju

*Meħud minn "Leħen il-Malti"*

*Lulju-Settembru 1941.*

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

EMPIRE PRESS

1941

P. PAWL TABONE o.f.m.

# Tifkira ta' l-Assedju

*Meħud minn "Leħen il-Malti"*

*Lulju-Settembru 1941.*

EMPIRE PRESS

1941

Taħdita li saret fil-Laqgħa ġenerali tax-*Xirka għat-tixrid ta' l-Ilsien Malti*, in-NADUR, Għawdex

fis-7 ta' Settembru 1941

u

ix-XAGĦRA, f'jum il-Vitorja, 1941.

---

( *Copyright* )

Ħuti Għawdxin u Maltin,

Jekk huwa minnu li l-bniedem ma jitqiesx bit-tul ta' ġismu, iżda bil-għemil għaqli u qlubi tiegħu, daqshekk ieħor hu minnu li n-nazzjonijiet ma jitkejlux bil-għadd tan-nies tagħhom jew bil-wisa' ta' xtuthom, iżda bil-ġrajjiet ta' ħila li jkunu wrew mal-mixja taż-żmien li jgħaddi minn fuqhom. Għalhekk il-Greċja kienet saret kbira wara t-taqbidiet kbar ta' Salamina u ta' Maratona; u Ruma baqgħet imsemmija w kbira b'dawk l-egħmejjel ta' qlubija li ħallewlha wliedha. Imma, jekk il-Greċja w Ruma saru kbar minħabba l-ġrajjiet tagħhom, Malta u Għawdex, dawn iż-żewġ ħoloq imqegħdin minn Alla nnifsu f'nofs baħar tan-nir, Malta, il-warda ċ-ċkejkna, li tisraq il-qalb ta' min jitfa għajnejh fuqha, hija wkoll għandha l-ġrajjiet tal-għaġeb li bihom hi baqgħet imsemmija fl-istorja. Malta u Għawdex, dawn il-gżejjer ħelwin li tawna l-ħajja, twieldu, sa mill-bidu nett, b'ruħ kbira u b'qawwa kbira li mal-mixja taż-żmien kellha tinfexx f'għamil kbir u tal-għaġeb U xhieda ta' dan insibuha fil-fdalijiet tal-imqades qodma ta' Ħal Tarxien, ta' Haġar Qim, ta' l-Imnajdra u tal-Ġgantija fejn Missirijietna emmnu u stqarru t-twemmin fl-allat tagħhom. Xhieda oħra nsibuha wkoll fil-miġja ta' S. Pawl Missierna fil-gżejjer tagħna li, kif semgħu għall-ewwel darba bl-isem ta' Kristu, ġarrfu it-tempji ta' l-allat foloz u ħaddnu għal dejjem id-dîn nisrani. Xhieda oħra tar-ruħ kbira maltija jatihielna s-seklu XIV meta r-Re Alfonsu ta' Spanja, għax kien nieqes mill-flus minħabba il-gwerer, rahan il-gżejjer tagħna lill-Viċi-Re ta' Sqallija bil-prezz ta' 30,000 fjorin, u l-Maltin u l-Għawdxin ftiehmu bejniethom li jħallsu minn buthom din is-somma fi żmien erba' xhur basta imma jifdu lil art twelidhom. Urew ukoll x'jiswew il-Maltin meta fettlilhom ikeċċu 'l barra l-ħakkiema Franċiżi li, wara li xorbulhom demmhom bit-taxxi, ħabtu jneżżgħu l-egħżeż wirt tagħhom, il-Knejjes u l-Imqades.

Imma l-akbar xhieda tal-qawwa tagħhom, Malta u Għawdex urewha fl-aqwa tiġrib li kellhom mal-Mislem, il-għadu qalil tad-Dîn Nisrani. Ir-Rebħa ta' Settembru tal-1565 baqgħet tissemma sa żminijietna, għalkemm għaddew ma' dwar 400 sena u tibqa' tissemma għaż-żmien ġejjieni sakemm fuq artna tibqa' ruħ Maltija. U sewwasew għalhekk inġbarna hawn dal-għodu biex aħna wkoll nagħmlu tifkira ta' dawk il-ġrajjiet li ksew lill-gżejjer tagħna b'dawl ta' ġieħ u ta' kobor li ebda żmien ma

jista' jitfi. Ejjew mela għall-ħin ċkejken infakkru flimkien il-wirt għażiż li ħallewlna Missirijietna. Imma jekk hawn xi ħadd fostna li jistħi jistqarr li hu wild dawn il-gżejjer, jew li jibża' jfaħħar il-kobor u l-qlubija tal-ġens malti biex jogħġob lill-barrani, mn'issa stess nitolbu jitlaq minn fostna għax dawn il-kelmiet mhumiex għalih, għax iweġġgħulu rasu, imma għal dawk biss li fil-vini tagħhom iħossu jbaqbaq id-demm sħun ta' dawk il-qalbenin li ċarċru sa l-aħħar qatra demm fuq is-swar u, sider ma' sider, fl-egħlieqi u fil-baħar, għall-fidwa ta' Malta.

Ħuti,

Kienu t-18 ta' Mejju tas-sena 1565. Ix-xemx kienet għadha kif bdiet iddawwal it-trufijiet tal-kampnari għoljin tal-knejjes tagħna. F'dik is-samta w ħemda li fihom kienu jinsabu dawn il-gżejjer, instemgħu tliet tiri ta' kanun minn Sant'Jermu. Għal dak il-leħen tal-biża' wieġbu minnufih Sant'Anġlu, l-Imdina u l-Kastell ta' Għawdex. Dawk it-tiri kienu ħabbru lil missirijietna li fuq ix-xefaq, fejn il-baħar u s-sema donnhom jitbewsu, kienet dehret l-armata Torka riesqa għal fuq ix-xtut tal-Gżejjer tagħna. Dina l-armata qalila, li f'dawk iż-żminijiet kienet wer-wret l-Ewropa sħiħa, kienet magħmula minn 137 xini u 33 galjotta, mgħobbijin bil-kanuni u balal u ħwejjeġ oħra li jiswew għall-ħruq u l-qerda, b'58,300 ruħ fuqhom armati sa snienhom biex jeqerdu lill-Kavalieri ta' San Ġwann u lil kull min kien iżomm magħhom.

Għal dik id-dehra tal-biża' kien miet għal kollox minn fuq wiċċ dawn il-gżejjer il-ferħ u l-hena li ġġib magħha r-Rebbiegħa. Malta w Għawdex tniehdu u beżgħu għax l-armata tagħhom ħdejn dik ta' l-għadu kienet dgħajfa u ċkejkna wisq, għax għal kull suldat malti kien hemm 7 ta' l-għadu u, kif jgħid il-Bosju, 10. Malta u Għawdex beżgħu, għax ftit tas-snin qabel, l-armata Torka kienet ħarbtet u rebħet lill-gżira ta' Rodi li kienet imdawwra bi swar bil-wisq iktar qawwija minn tagħhom. Beżgħu l-gżejjer tagħna, imma mhux weħidhom, għax l-Ewropa kollha kienet imhedda, u, wara Rodi w Malta kulħadd kien jistenna li l-lum jew għada kellha tmiss lilu. Bniedem wieħed biss ma beżagħx u ma qatax qalbu, bniedem ta' ruħ kbira, magħżul mn'Alla nnifsu fl-aqqal siegħa ta' hemm li kellha ġġarrab Artna l-għażiża. La Valette, il-ġeneral xwejjaħ qalbieni, li kien ġarrab biżżejjed f'ħajtu; La Valette biss, dak il-bniedem ta' fehma soda w sħiħa, dak li f'żgħużitu kien ħalef fuq l-artal li jitqabad wiċċ imb'wiċċ ma' l-egħdewwa tas-Salib, ma beżax u beda jhejji ruħu għat-taqbida. U t-taqbida bdiet; l-poplu Malti, wara li ħalla kollox warajh, telaq għal ġewwa

s-swar ta' l-Imdina, ta' l-Isla w tal-Birgu, u dak ta' Għawdex għal ġewwa l-Kastell tar-Rabat. Imma, meta dawn il-gżejjer, b-leħen ta' Omm imhedda minn għadu tal-biża', sejjħu 'l uliedhom sabiex jiddefenduhom, dak il-leħen kien seħer għall-qalb tar-rġiel u ż-żgħażagħ li magħhom, imbagħad, ingħaqdu n-nisa u t-tfal, u nxteħtu għal fuq is-swar u fl-egħlieqi, lesti biex iċarċru sa l-aħħar qatra demm għal Alla u Art twelidhom.

U t-taqbida bdiet, taqbida bejn il-mewt u l-ħajja, li damet sejra għall-erba' xhur sħaħ, bla nifs ta' xejn, lejl u nhar xorta waħda. Oh imsejknin Missirijietna! X'ma rawx ma' tul dawk il-ġranet li dehrulhom snin sħaħ! Nirien, dħaħen kulfejn id-dawwar wiċċek, ħsejjes ta' xwabel u ta' karrijiet, demm jiġri fit-triqat u fil-baħar, krib ta' qsim il-qalb mill-midruba u ntiena mill-iġsma mejtin. Għal erba' xhur sħaħ Malta, ma kellhiex il-mistrieħ tagħha; uliedha jitqabdu bil-lejl u bin-nhar, bil-ġugħ, bil-għatx, għajjiena għall-mewt, tamithom biss f'Alla li f'ħin wieħed jista' jwaqqa' fil-ħama ta' l-art l-aqwa saltniet tad-dinja u jgħolli 'l fuq liż-żgħar u liċ-ċkejkna.

Il-balal tal-għadu bdew neżlin bħax-xita fuq il-qawwi Sant' Jermu, u, ħaġa tal-għaġeb kif din il-fortizza ma waqgħetx gods ġebel jew kif ma ċedietx ma' l-ewwel jiem tat-taqbida. Żammew iebes dawk is-suldati qalbenin għalkemm kienu jafu li l-lum jew għada kellhom jaqgħu għax l-egħdewwa kienu wisq aktar qawwijin minnhom; żammew iebes sakemm ma felħux iżjed. Fl-aħħar waqa' Sant'Jermu, imma waqa' wara 33 jum ta' ġlieda qalila; waqa', imma wara li ġarrab tliet attakki koroh li fihom qala' madwar 20,000 balla; waqa', imma wara li ntilfu madwar 1,500 ruħ minn tagħna u 8,000 ta' l-għadu. Waqa' Sant'Jiermu l-qawwi, imma le qatgħu qalbhom Missirijietna, għax l-imħabba li biha huma kienu mfawwrin lejn pajjiżhom wir-rieda qawwija u sħiħa tagħhom li jeħelsu mill-ġdid lil arthom mifdija bi flushom u l-għaraq ta' ġbinhom kienet aqwa mill-qilla ta' l-għadu.

Meta l-għadu ħabat għall-Isla u għall-fortizza ta' S. Mikiel il-Maltin komplew jiġġieldu b'ħila ta' ljuni minbuxa. Imma, iktar ma beda jgħaddi ż-żmien Malta dejjem kienet riesqa lejn xifer il-qabar, għalkemm uliedha l-qalbiena, flimkien mal-Kavalier, żammew iebes iktar miż-żonqor tas-swar li beda jirtogħod u jaqa' biċċa biċċa taħt ix-xita tan-nar. Żammew iebes sakemm żerrnaq is-7 ta' Settembru, meta, ħabta w sabta, il-għadu imbeżża' mill-mewt ta' Dragut u mix-xniegħa li kienet waslet l-għajnuna mistennija għal Malta, inġabar fuq ix-xwieni, għamel il-qlugħ u, b'mistħija l-iktar kbira, ħalla lil artna, imfarrka u mħarbta kemm tridha, iżda rebbieħa.

Kienu t-8 ta' Settembru, meta, mal-kewkba tas-sebħ, il-għajta tar-rebħa bdiet iżżarżar minn fuq il-għoli tas-swar, u l-qniepen ta' S. Lawrenz, wara erba' xhur ta' skiet, ħallew, għall-ewwel darba, ilsienhom ferrieħi sabiex iħabbru lill-ġens Malti l-ħelsien u jsejħulu fit-tempju biex jiżżiħajr 'l Alla. U f'kemm ili ngħid S. Lawrenz inħanaq minn poplu mbikki bil-ferħ, mixħut fl-art għarrkobbtejh irodd l-ogħla ħajr 'l Alla u lix-Xbejba Mqaddsa li f'dak il-jum il-gżejjer tagħna jagħmlu t-tifkira ħelwa tat-Twelid Tagħha.

Ħuti għeżież,

Fit-8 ta' Settembru tal-1565 Malta rebħet u ferħet, u magħha rebħet u ferħet l-Ewropa għax hi wkoll ħelset darba għal dejjem mill-biża' tal-Lvant li għal żmien twil kien iheddidha. Rebħet Malta u ferħet, imma rebħet għax qawwija bla qies kienet l-imħabba ta' Missirijietna lejn Art twelidhom, art li Alla għoġbu jagħti lilhom biss u lil ħadd iktar; rebħet Malta għax fdat fit-tmexxija għaqlija w qlubija ta' l-aqwa gwerrier tas-Seklu XVI, La Valette, li ismu jibqa' minqux għal dejjem b'ittri tad-deheb f'qalb il-Maltin u l-Għawdxin; rebħet ukoll Malta, għax qawwija kienet it-tama tagħha f'Alla, li Ismu biss hu biż-żejjed biex iriegħed il-qilla ta' dina l-art; rebħet u ferħet Malta għax fehmitha tajjeb li aħjar tmut tiġġieled għall-ħelsien milli taqa' lsira ta' għadu ġieħ, għadu tat-Twemmin, tad-Drawwiet u taċ-Ċiviltà tagħha; rebħet ukoll Malta, għax kienet lesta għal kollox, basta tirbaħ u għax emmnet fir-rebħa aħħarija; imma rebħu l-iktar il-gżejjer tagħna għax l-ebda Ġuda ma nstab ma' tul l-Assedju. Fost ħutna l-Maltin u l-Għawdxin, f'dawk l-erba' xhur twal, ħadd, lanqas wieħed biss, ma nxtara. Iva, rebħu l-gżejjer tagħna, iżda wara li nxtered id-demm ta' 9,000 Nisrani li 6,000 minnhom kienu Missirijietna li aħna kburin għad ba-qgħalna t-taqtir ta' demmom jiġri fil-vini tagħna; u, għalhekk bil-jedd kollu sata' jgħanni l-Poeta Malti li Artna rebħet :

"Għax Malti kien id-demm li ċarċar jikwi
Fuq is-swar tagħna l-ogħna rahan ta' ġieħ !
Maltija l-qalb li żammet f'baħar niket
Sakemm żernaq tar-rebħa l-jum sabiħ".

Ħuti Għawdxin u Maltin,

Kull meta niftakar f'din il-ġrajja ta' hemm u ta' niket li għaddew minnhom il-gżejjer tagħna fl-imgħoddi, inħoss bħal tferfira demm iddur ma' ġismi kollu. Iżda meta nħares lejn iż-żminijiet koroh tagħna, qalbi nħossha tingħafas mill-ġdid u d-

dmugħ sħun inħossu jrid iġelben minn għajnejja. Għax il-lum ukoll il-għeżież gżejjer tagħna jinsabu f'assedju bil-wisq akbar u aktar aħrax minn dak ta' 400 sena ilu; il-lum wkoll Malta w Għawdex jinsabu mheddin mill-qilla ta' l-għadu bil-wisq iktar ġiefi minn dak tan-nofs Qamar; il-lum ukoll Artna l-għażiża qiegħda titqabad it-taqbida tal-mewt jew tal-ħajja; il-lum ukoll il-ġens Malti jinsab itturufnat minn daru u ta' sikwit ikollu jistkenn fl-egħrien jew kennijiet oħra maqtugħin fil-blat jew fil-ġebel; il-lum ukoll ir-raba' tagħna, id-djar u l-knejjes tagħna mibnijin bil-għaraq ta' ġbinna, jinsabu mħarbtin, maħruqin, imtajrin u mġarrfin, u, minn taħt dak il-ġebel u trab jinstama' ta' sikwit il-krib ta' qsim il-qalb ta' ħafna ommijiet, ta' żgħażagħ, ta' xbejbiet u ta' tfal żgħar bla ħtija; il-lum għal darb'oħra, is-swar tagħna jinsabu mċappsin bid-demm ta' ħutna, u l-Birgu u l-Isla, li ssieltu b'ħila kbira kontra t-Torok, il-lum, għal darb'oħra, saru gods trab u ġebel. U kull min iħares lejn dik il-Belt li l-Gran Mastru LaValette bena, b'sengħa kbira, fuq il-għolja Xiberras, għandu tabilħaqq jitkexkex, għax minn tant ġmiel u għana, minn dawk it-tifkiriet egħżież tal-Kavalieri, ma jarax ħlief ħerba. U ħerba w tixrid id-demm għad forsi rridu naraw 'l quddiem għax it-taqbida għall-gżejjer tagħna għadha ma waslitx fl-eqqel tagħha. Imma, ikun x'ikun, ebda qilla tad-dinja ma hi sejra tbeżżagħna, għax il-Maltin u l-Għawdxin huma ġens ta' ruħ kbira, u ruħ kbira ma tagħrafx x'inhu biża'. U xhieda ta' dan tawhielna l-gżejjer tagħna fil-għodwa tal-11 ta' Ġunju tas-sena l-oħra meta l-għadu ġie fuqna għal għarrieda u xeħet xita ta' balal minn flok il-ward u ż-żahar li, bi kliem fieragħ, wiegħed lil min ma rax minnu ħlief ġid u ħniena. Xhieda oħra tawhielna l-Maltin meta l-għadu ġifa, mirbuħ u mwaqqa' għaċ-ċajt mill-kanuni tagħna, sejjaħ għadu ieħor bil-bosta eqqel minnu biex, it-tnejn flimkien, jagħmluna magħda taħt snienhom jew iġagħluna nċiedu. Attakki ħorox ġarrbet Malta fis-16 u fid-19 ta' Jannar li għadda u bla ħniena kienu dawk ta' l-Għid fuq il-Belt ewlenija tagħna, imma minflok li qerdulna l-ħeġġa tagħna, ħafna minn dawk il-balal waqgħu fuq l-oqbra siekta ta' Missirijietna, u minn dawk l-oqbra ħareġ u ttajjar fuq il-ġens Malti spirtu ġdid, spirtu ta' kuraġġ u ta' ħila, spirtu ta' vendetta qaddisa, spirtu ta' ġlied, spirtu tad-demm, f'kelma waħda, spirtu li bih kienu mfawwrin Missirijietna l-qalbenin.

U xhieda ta' dan il-wirt qalbieni tawhielna l-Maltin fix-xahar ta' Jannar li għadda, fl-eqqel tiġrib ta' attakki mill-ajru, meta lis-suldati tagħna naqsulhom il-balal, u r-rġiel, u n-nisa u saħansitra t-tfal żgħar, b'ħila li ma titwemminx, bdew iġorru huma nfushom il-balal mill-imħażen, mill-karozzi għal fuq il-fortizzi.

U xhieda oħra ta' spirtu qlubi tawhielna m'ilux iż-żgħażagħ tagħna li, kif din Artna, sejħethilhom b'leħen ta' Omm, għal fuq l-armi, huma dlonk ħallew kulma kellhom għażiż f'din id-dinja, wieġbu għas-sejħa u telqu għal hemmekk fejn jistgħu jiltaqgħu ma' l-għadu, lesti biex, mas-suldati Ingliżi, bħal żewġt aħwa f'dar waħda, jitqabdu miegħu u jqattgħuh bċejjeċ jekk jażżarda jirfes fuq ix-xtut tagħna. U xhieda oħra tawhielna s-suldati Għawdxin u Maltin fil-għodwa tas-16 ta' Lulju li ħareġ, meta l-għadu f'dagħdigħa ta' ġenn, fettillu jaħbat għall-port il-kbir tagħna. Iżda x'ġara? Ġara li dawk il-laneċ armati bdew jittajru fl-ajru tnejn tnejn u tlieta tlieta taħt il-mira preċiża tas-suldati qalbenin tagħna. U għalfejn inġib provi iktar ta' dak l-ispirtu ġdid qalbieni li mela sax-xfar il-gżejjer tagħna meta l-kapijiet ingliżi, mill-qalba ta' Londra, sejħulna "aħwa fit-tiġrib" u "Londra ċ-ċkejkna" u bagħtu messaġġi ta' ferħ lis-suldati u 'l poplu malti u qalulu dawn il-preċiżi kelmiet "li l-ħila u l-kuraġġ tagħhom qiegħed igħaġġeb lid-dinja?"

Le, Malta ma titlifx għax ruħha hija kbira; Malta ma ċċedix għax ma tridx titlef ġieħha; Malta tkompli tiġġieled għax il-ġlieda tagħha hi qaddisa. Ma titlifx Malta sakemm tibqa' mħaddna mas-Salib ta' Kristu, għax Kristu jirbaħ u jsaltan; ma titlifx sakemm tibqa' għarusa ta' Pawlu għax hu nnifsu wegħedha li fl-aħħar ikun hemm ix-xabla ippuntata tiegħu; ma titlifx, le, Artna sakemm uliedha jibqgħu magħqudin f'għaqda waħda, għalkemm x'uħud minnhom, bl-ikbar għajb tagħhom, ażżardaw ibigħuha. Ma titlifx din il-fortizza, l-aqwa waħda fil-Baħar Ġewwieni u li r-radju ta' Ruma stess fit-12 ta' Awwissu sejħilha "il-gżira qawwija, tal-biża'", sakemm tibqa' miexja taħt it-treġija ta' La Valette ieħor, il-qalbieni Churchill, li ismu hu xewka fil-qalba ta' qalb l-egħdewwa; ma titlifx għax hi lesta biex teħodha marrwiefen kollha u turi għal darb'oħra li d-demm Malti hu demm safi u qawwi, demm li ma naqas qatt kull meta kien meħtieġ għall-fidwa Maltija.

Malta ma tintrebaħx, u meta jfiġġ il-jum ta' l-aqwa ġrajja u l-qniepen tal-knejjes tagħna jxerrdu u jġorru fuq ġwienaħ ir-riħ il-ferħ tar-rebħa, meta l-bnadar bojod u ħomor jibdew jperpru ferħanin fuq il-bjut u t-twieqi tagħna, meta s-suldati tagħna jgħaddu mit-triqat ewlenin tal-bliet tagħna bix-xwabel ileqqu u jilmaw għax-xemx, dawn il-gżejjer egħżież tagħna jżidu paġna oħra fil-ġrajjiet glorjużi tagħhom u jgħollu 'l fuq il-ġieħ u l-kobor li ħallewlna missirijietna l-qalbenin.

Ħuti għeżież,

Aħna wlied ta' dawk il-qalbenin li tqabdu għal-arthom ma' dwar 400 sena ilu; aħna wliedhom u għalhekk demmna hu

demmhom, ħajjitna hi ħajjithom. Ikunu mela wkoll in-niket tagħhom tagħna, u mewthom ukoll, jekk jeħtieġ, mewtna. Infittxu li ma nnaqqsulhomx ġieħhom; inkunu rġiel bħalhom, għax fir-rġulija biss il-kobor. Nuru bil-għemil u mhux bix-xuftejn biss li aħna wlied ir-Rebbeħin tat-8 ta' Settembru tal-1565 u fuq għadamhom sieket fil-qabar inwiegħdu u naħilfu li l-gżejjer tagħna jibqgħu dejjem il-gżejjer rebbieħa, taħt id-dell tal-Bandiera Ingliża li qiegħda tperper ukoll rebbieħa minn fejn titla' sa fejn tinżel ix-xemx, biex ir-Reliġjon tagħna, id-Drawwiet tagħna, Lsienna jibqgħu bla ma jittiefsu, safjin u qawwija, il-lum, għada, dejjem.